MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 266/2007

**Talba Nru: 266/07PBC**

**Dormax Press Company Limited**
**(C27512)**

**Vs**

**Tiziana Casha**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm223.95c)

rapprezentanti xoghol ta’ stampar ta’ “flyers” u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT), liema xoghol kien gie debitament ordnat mill-konvenuta skond kif jirrizulta fid-dokument datat 25 ta’ Novembru, 2006.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm223.95c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------